

Il-Finanzjament tal-Futur ta' l-Ewropa • Il-Finanzjament tal-Futur ta' l-Ewropa • Il-Finanzjament tal-Futur ta' l-Ewropa • Il-Finanzjament tal-Futur ta' l-Ewropa

1958 / 2008

# Il-Finanzjament tal-Futur ta' l-**Ewropa**

**Matul l-aħħar ħames snin (2003-2007), il-Bank Ewropew ta' l-Investiment sellef madwar EUR 203 biljun għall-investiment, b'mod partikolari lir-reġjuni aktar foqra ta' l-Ewropa u lill-Istati Membri l-ġodda ta' l-Unjoni Ewropea. Dan il-finanzjament għen proġetti f'setturi varji bħar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, it-toroq, pontijiet, linji tal-ferroviji sekondarji urbani, industriji u negozji ta' daqs kbir u żgħir, trattament ta' l-iskart, provvisti ta' ilma, skemi għall-enerġija rinnovabbli, djar u sptarijiet.**
**Minn dan l-ammont totali, madwar EUR 23 biljun għenu fl-assistenza esterna ta' l-UE fil-pajjiżi tar-reġjun tat-tkabbir fl-Ewropa tax-Xlokk, fil-pajjiżi ġirien ta' l-UE fin-Nofsinhar u l-Lvant, fiż-żoni ta' l-Afrika, il-Karibew u l-Paċifiku, l-Amerika Latina u l-Ażja.**

## Impenn lejn il-linji politiċi ta' l-UE

Bħala bank pubbliku mmexxi skond il-politika ta' l-UE, il-BEI ġie stabbilit fl-1958 mit-Trattat ta' Ruma, fl-istess żmien tat-twaqqif ta' l-istituzzjonijiet l-oħra ta' dik li kienet tissejjaħ il-Komunità Ekonomika Ewropea (KEE).

Il-BEI twaqqaf biex jipprovdi self, filwaqt li jiffinanzja ruħu billi jissellef mis-swieq kapitali minflok jiġbed mir-riżorsi baġitarji. Il-Kummissjoni Ewropea tmexxi l-fondi ta' l-għotjiet ta' l-UE – b'mod partikolari l-Fondi Strutturali. Il-BEI ta' spiss jikkofinanzja proġetti flimkien mal-Kummissjoni.

Il-BEI huwa korp awtonomu ta' l-Unjoni u s-sidien diretti tiegħu huma l-Istati Membri. Il-missjoni, it-tmexxija u s-superviżjoni tal-Bank huma definiti b'mod ċar fit-Trattat ta' l-UE u fl-Istatut tiegħu, li huwa Protokoll anness ma' l-istess Trattat.

Il-BEI jaħdem fil-qrib ma' l-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-UE, b'mod partikolari mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill Ewropew u l-Kummissjoni Ewropea. Il-BEI jżomm djalogu kontinwu, apert u dirett mal-Parlament Ewropew u jipparteċipa f'laqgħat tal-kumitati parlamentari, primarjament tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji. Il-President tal-BEI jindirizza wkoll is-Seduta Plenarja tal-Parlament.

## Il-Finanzjament b'appoġġ għall-prijoritajiet tal-politika ta' l-UE

Il-prijoritajiet ta' l-attivitajiet kurrenti tal-BEI huma ffokati fuq investiment li:

- jippromwovi, bħala għan prijoritarju, il-koeżjoni ekonomika u soċjali fi ħdan l-UE-27;
- jappoġġa l-innovazzjoni taħt l-"Inizjattiva għall-Innovazzjoni 2010" (għar-riċerka, l-iżvilupp u l-innovazzjoni, il-formazzjoni tar-riżorsi umani, u n-netwerks tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u l-komunikazzjoni) biex jgħinu fl-implimentazzjoni ta' l-"Istrateġija ta' Liżbona" (Kunsill Ewropew, 2000);
- jiżviluppa n-netwerks trans-Ewropej (TEN-Ts), b'mod partikolari bħala parti mill-"Azzjoni Ewropea għat-Tkabbir" tal-Kunsill Ewropew (Diċembru 2003);
- iħares l-ambjent;
- jappoġġa l-investiment ta' l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju permezz tal-linji ta' kreditu tiegħu;
- isaħħaħ il-provvista sostenibbli, kompetittiva u affidabbli ta' l-enerġija;
- jappoġġa l-linji politiċi ta' l-iżvilupp u l-kooperazzjoni ta' l-UE mal-pajjiżi msieħba, b'mod partikolari fil-Mediterran u fir-reġjuni Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku.

## Assigurazzjoni tal-kwalità u s-sostenibbiltà tal-proġetti

Qabel ma jieħu deċiżjoni fuq finanzjament, il-BEI jagħmel analiżi dettaljata għall-vijabbiltà ekonomika, teknika, ambjentali u finanzjarja ta' kull proġett. Din tinkludi evalwazzjoni tal-kontribut tal-proġett lejn il-linji politiċi ta' l-UE.

Il-Bank isellef lill-promoturi kemm tas-settur pubbliku u dak privat. Il-Bank jiffinanzja, b'mod dirett, skemi ta' investimenti kbar li jqumu aktar minn EUR 25 miljun. Investimenti fuq skala iżgħar huma appoġġati indirettament permezz ta' arranġamenti finanzjarji (linji ta' kreditu) ma' banek lokali.

Bank
ta' l-Investiment
Ewropew

ISBN 92-861-0463-4
9 789286 104633



Għal aktar informazzjoni

**Dipartiment tal-Komunikazzjoni**
100 boulevard Konrad Adenauer - L-2950 Luxembourg
(+352) 43 79 - 22000 (+352) 43 79 - 62000
**www.eib.org – info@eib.org**

## Offerta ta' vantaġġ finanzjarju

Billi l-BEI għandu rata ta' kreditu eċċellenti (AAA), huwa jissellef fondi fuq swieq kapitali dinjija b'rati vantaġġjużi, l-aktar bil-ħruġ ta' bonds. Il-Bank ma joperax għal skop ta' qligħ u għalhekk jgħaddi dawn ir-riżorsi lill-promoturi tal-proġetti b'marġni baxxa biex ikopri l-ispejjeż ta' l-attività. Il-BEI huwa għajn għal self fuq tul ta' żmien – minn 5 għal 20 sena jew iktar skond it-tip ta' investiment – f'ammonti kbar u f'EUR, USD, GBP u bosta muniti oħra.

Peress li l-Bank sellef sa 50% ta' l-ispejjeż tal-proġetti (b'medja ta' 30%), huwa jaġixxi bħala katalista billi jinkoraġġixxi finanzjaturi oħra biex jinvolvu ruħhom.

## Xi ċifri

| | |
|---|---|
| **Attivitajiet fl-2007** | **EUR** |
| **Finanzjament totali** | **47,8 biljun** |
| Unjoni Ewropea | 41,4 biljun |
| Pajjiżi Msieħba | 6,4 biljun |
| **Self totali** | **54,8 biljun*** |
| | |
| **Total ta' self mhux imħallas** (fil-31/12/07) | **324,8 biljun** |

* *Riżorsi miġbura taħt l-Awtorizzazzjoni Globali ta' Self għall-2007, inkluż il-finanzjament bil-quddiem ta' EUR 77 miljun magħmul fl-2006.*

## Azzjonisti u tmexxija

Bħala azzjonisti tal-BEI, is-27 Stat Membru ta' l-UE jissottoskrivu l-kapital tiegħu, li attwalment jammonta għal madwar EUR 165 biljun. Huwa biss 5% mill-kapital li huwa mħallas.

Il-Bank jaqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Bord tal-Gvernaturi tiegħu, li huwa magħmul minn Ministru tal-Gvern minn kull Stat Membru ta' l-UE, li normalment ikun il-Ministru tal-Finanzi. Il-gvernaturi jaħtru l-Bord tad-Diretturi, li huwa indipendenti u mhux residenti, kif ukoll il-Kumitat ta' Tmexxija, maħtur fuq bażi *full-time*. Id-Diretturi jieħdu deċiżjonijiet fuq attivitajiet ta' self u l-għoti ta' self kif ukoll fuq kwistjonijiet ta' politika ġenerali, kif ikunu proposti lilhom mill-Kumitat ta' Tmexxija.

## Kontrolli u evalwazzjoni

Il-BEI huwa suġġett għall-kontrolli normali assoċjati ma' istituzzjoni internazzjonali u ma' bank, u dawn jinkludu verifika interna separata, kontroll finanzjarju u funzjonijiet tar-riskju tal-kreditu kif ukoll awditur estern internazzjonali. Il-Bank huwa kkontrollat minn Kumitat tal-Verifika indipendenti, maħtur mill-Gvernaturi u li jirrapporta lilhom.

Il-Qorti Ewropea ta' l-Awdituri tirrevedi l-attivitajiet kollha fejn huma mdaħħla fondi baġitarji u garanziji ta' l-UE.

Id-diviżjoni tal-Bank ta' l-Evalwazzjoni ta' l-Attivitajiet (*Operations Evaluation Division*) tirrapporta lill-Bord tad-Diretturi dwar l-effikaċja ta' l-attivitajiet ta' self tal-Bank.

Il-BEI huwa suġġett għall-awtorità tal-qrati nazzjonali u tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja. Bħall-istituzzjonijiet l-oħra ta' l-UE, il-Bank jaqa' wkoll taħt il-ġurisdizzjoni ta' l-Ombudsman Ewropew u ta' l-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF).

## Trasparenza

Il-BEI jżomm livell għoli ta' trasparenza bħala parti mill-missjoni tiegħu biex jikkontribwixxi għall-għanijiet politiċi ta' l-Unjoni. Il-politika ta' trasparenza tal-BEI tilħaq bilanċ bejn l-għan tiegħu li jipprovdi l-aktar informazzjoni possibbli u d-dmir tiegħu bħala bank li jħares l-interessi leġittimi kummerċjali u sensittivi għas-suq tal-kontropartijiet tiegħu fin-negozju.

Il-Bank imexxi djalogu estensiv u trasparenti maċ-ċittadini ta' l-Ewropa, b'mod partikolari permezz tal-kuntatti mill-viċin li għandu mal-Parlament Ewropew u mar-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.

## Il-Grupp tal-BEI

Il-Grupp tal-Bank Ewropew ta' l-Investiment jikkonsisti mill-BEI u l-Fond Ewropew ta' l-Investiment (FEI). Il-FEI huwa intrapriża konġunta bejn il-BEI (b'maġġoranza), il-Kummissjoni Ewropea u istituzzjonijiet finanzjarji Ewropej.

Il-FEI twaqqaf fl-1994, u huwa l-fergħa tal-BEI li tispeċjalizza fil-kapital ta' riskju biex tipprumwovi b'mod partikolari l-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju (SMEs). Il-FEI jinvesti f'fondi ta' kapital ta' riskju li jappoġġaw lill-intrapriżi li għaddejjin minn espansjoni mgħaġġla, jew inkella li qegħdin joperaw f'setturi teknoloġiċi ġodda. Huwa wkoll jipprovdi garanziji fuq il-portafoll ta' l-SMEs lill-banek li jagħtu self fuq żmien medju jew fit-tul lil intrapriżi żgħar.

Fit-tmiem tas-sena 2007, is-sehem tal-FEI fil-fondi ta' kapital ta' riskju ammonta għal EUR 4.4 biljun u l-volum ta' garanziji mhux imħallsa ammonta għal EUR 11.6 biljun.

© EIB 05/2008 – QH-X1-06-005-MT-C © *Workshop* tal-grafika tal-BEI